

Brussell, 13 ta' Frar 2026
(OR. en)

6272/26

CLIMA 61
ENV 120
AGRI 112
FORETS 19
ENER 66
IND 111
COMPET 181
DELECT 28

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 553 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'3.2.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għal attivitajiet tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 553 final.

Mehmuż: C(2026) 553 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2026
C(2026) 553 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'3.2.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jistabilixxi l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għal attivitajiet tal-assorbimenti
permanenti tal-karbonju**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050, l-ewwel u qabel kollox, permezz ta' tnaqqis urġenti, ambizzjuż u sostnut tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, Greenhouse Gas), issupplimentat mill-assorbimenti tal-karbonju biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet residwi. Ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta' Novembru 2024 li jstabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment permanenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti¹ ħoloq qafas volontarju madwar l-Unjoni kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq. Billi jstabbilixxi l-kriterji tal-kwalità tal-Unjoni, u jstabbilixxi l-proċessi ta' monitoraġġ u rapportar, ir-Regolament għandu l-għan li jirrazzjonalizza l-proċessi ta' ċertifikazzjoni. Dan se jiffaċilita l-investimenti kemm f'teknoloġiji innovattivi għall-assorbiment tal-karbonju kif ukoll f'soluzzjonijiet sostenibbli għall-kultivazzjoni karbonika, filwaqt li jindirizza l-greenwashing, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.

Biex jiġi implimentat ir-Regolament (UE) 2024/3012 u jitħaddmu l-kriterji tal-kwalità tal-Unjoni, jeħtieġ li jiġu stabbiliti metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju. Dan l-att delegat jintroduċi l-metodoloġiji għall-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju permezz tal-Qbid u Ħżin tal-Karbonju Dirett mill-Arja (DACCS, Direct Air Capture with Carbon Storage), tal-Qbid tal-Emissjonijiet Bijoġeniċi bil-Ħżin tal-Karbonju (BioCCS, Biogenic Emissions Capture with Carbon storage) u tal-Assorbiment tal-Karbonju mill-Faħam Bijoloġiku (BCR, Biochar Carbon Removal).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2024/3012 u l-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea², twettqu konsultazzjonijiet xierqa matul it-tnejn ta' dan l-att delegat. L-esperti tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju ġew ikkonsultati fil-laqgħat li saru fil-25 ta' Ottubru 2023, fis-17 ta' April 2024, fil-21 ta' Ottubru 2024, fis-26 ta' Marzu 2025, fl-10 ta' Lulju 2025 u fl-10 ta' Novembru 2025. Wara l-preżentazzjoni tal-abbozzi tal-att delegat, l-esperti kellhom ukoll l-opportunità li jissottomettu kummenti bil-miktub dwar it-test, li tqiesu kif xieraq.

Id-dokumenti rilevanti għal-laqgħat intbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin, kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati. L-osservazzjonijiet espressi mill-grupp ta' esperti tqiesu fit-tnejn ta' dan l-att delegat.

L-abbozz tal-att delegat ġie ppubblikat fuq il-portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar għal perjodu ta' feedback mis-17 ta' Lulju 2025 sat-22 ta' Settembru 2025. Matul dan il-perjodu, waslu 143 sottomissjoni ta' feedback, inkluż minn 6 awtoritajiet pubbliċi, 58 kumpanija/negożju, 22 organizzazzjoni mhux governattivi, 2 organizzazzjonijiet ambjentali, 34 assoċjazzjoni tan-negożju, 2 trade unions u 7 istituzzjonijiet akkademiċi/ta' riċerka. Il-feedback rilevanti għall-abbozz tal-att delegat riċevut matul il-konsultazzjoni pubblika miftuħa kien tal-istess natura u

¹ (ĠU L, 2024/3012, 6.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3012/oj>).

² Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p.1).

kien jinkludi argumenti u informazzjoni simili bħal dawk ippreżentati fid-diskussjonijiet estensivi li saru matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju. B'riżultat ta' dan, ġew inkorporati kjarifiki fl-abbozz biex jakkomodaw il-kummenti rilevanti u biex itejbu l-kwalità tat-test.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2024/3012 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta r-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għal attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju.

B'mod partikolari, il-punti li ġejjin tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/3012, jeħtieġ li jiġu riflessi f'dawn il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni:

- (a) it-tip ta' attività u deskrizzjoni tal-prattiki u tal-proċessi koperti, inkluż il-perjodu ta' attività u l-perjodu ta' monitoraġġ;
- (b) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar kollha tal-assorbiment tal-karbonju u s-sorsi kollha tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1);
- (c) ir-regoli għall-kalkolu tal-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a);
- (d) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (b);
- (e) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet assoċjati mal-GHG msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (c);
- (f) ir-regoli għall-aġġornament tal-linja bażi standardizzata msemmija fl-Artikolu 4(9);
- (g) ir-regoli biex jitqiesu l-inċertezzi b'mod konservattiv fil-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 4(12);
- (h) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-regoli dwar il-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju identifikat ta' treġġigħ lura tal-karbonju maħżun imsemmi fl-Artikolu 6(2), il-punt (a);
- (i) ir-regoli dwar mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (b), u l-Artikolu 6(4), inkluż ir-regoli dwar ir-riskju ta' falliment tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà rilevanti;
- (j) ir-regoli għall-implimentazzjoni tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 6(5);
- (k) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 7(3).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'3.2.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għal attivitajiet tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment permanenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/3012 jistabbilixxi qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju, tal-kultivazzjoni karbonika u tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti sabiex jappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima², b' mod partikolari l-ilħuq kollettiv tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Għal dak l-għan, ir-Regolament (UE) 2024/3012 jistabbilixxi kriterji ta' kwalità għall-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju fir-rigward tal-kwantifikazzjoni, tal-addizzjonalità, tal-ħżin, tar-responsabbiltà u tas-sostenibbiltà. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni li skonthom l-operaturi ta' attivitajiet permanenti tal-assorbiment tal-karbonju li jseħħu fl-Unjoni jistgħu juru l-konformità tal-attivitajiet ma' daww il-kriterji ta' kwalità, u l-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati minn attivitajiet bħal dawn jistgħu jkunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont il-qafas tal-Unjoni.
- (2) Ir-rieżami mwettaq mill-Kummissjoni tal-metodoloġiji eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju u l-ħidma sussegwenti mwettqa mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbiment tal-Karbonju identifikaw tliet tipi ta' attivitajiet tal-assorbiment permanenti tal-karbonju li għalihom l-għarfien xjentifiku u l-maturità teknoloġika jippermettu l-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għall-fini tar-Regolament (UE) 2024/3012 li jiżguraw il-kwantifikazzjoni robusta u trasparenti tal-

¹ ĠU L, 2024/3012, 6.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3012/oj>.

² Ftehim adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġie approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1841/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj>).

benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju, jiġifieri l-qbid u ħżin tal-karbonju dirett mill-arja (“DACCS”, direct air capture with carbon storage), il-qbid tal-emissjonijiet bijoġeniċi bil-ħżin tal-karbonju (“BioCCS”, biogenic emissions capture with carbon storage), u l-assorbiment tal-karbonju mill-faħam bijoloġiku (“BCR”, biochar carbon removal).

- (3) Huwa xieraq li dan ir-Regolament jiġi rieżaminat perjodikament, mill-inqas kull erba’ snin, fl-aspetti kollha tiegħu. Għandhom jitqiesu l-progress teknoloġiku u xjentifiku u l-innovazzjoni, b’mod partikolari t-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar u fil-verifika, fir-rigward tal-attivitajiet tad-DACCS, tal-BioCCS u tal-BCR u ta’ attivitajiet permanenti oħra tal-assorbiment tal-karbonju. L-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jeħtieġ li jitqiesu bl-istess mod, fost l-oħrajn, ir-rieżami tar-rekwiżiti ta’ sostenibbiltà skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Sabiex tiġi riflessa l-esperjenza bl-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu organizzati avvenimenti ta’ kondiviżjoni tal-għarfien għall-ġbir tal-feedback u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.
- (4) Bħalissa, l-attivitajiet tad-DACCS, tal-BioCCS u tal-BCR huma affettwati minn falliment tas-suq li jfisser li jipprovdu benefiċċji fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima li huma assoċjati mal-kostijiet iżda ma jiġġenerawx dħul għall-operaturi tagħhom, li jissarraf f’diskrepanza fil-finanzjament⁵. L-operaturi li jaqdbu u jaħżnu s-CO₂ bijoġeniku jew atmosferiku ma jistgħux jirċievu kwoti jew tnaqqis fl-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Għalhekk, l-operaturi tal-attivitajiet tad-DACCS, tal-BioCCS u tal-BCR bħalissa ma għandhomx raġunijiet ekonomiċi biex jinvestu. Din id-diskrepanza fil-finanzjament tista’ tingħeleb permezz ta’ appoġġ pubbliku u tad-dħul iġġenerat permezz tal-bejgħ ta’ unitajiet ċertifikati jew taħlita possibbli taż-żewġ mekkaniżmi ta’ finanzjament⁷. Għal dawk l-attivitajiet huwa għalhekk xieraq li tiġi stabbilita linja bażi standardizzata ta’ zero ekwivalenti ta’ CO₂ peress li dan huwa rappreżentattiv ħafna tal-prestazzjoni standard kurrenti ta’ prattiki u ta’ proċessi komparabbli f’ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali, teknoloġiċi u regolatorji simili. Għalhekk, f’konformità mar-regoli dwar l-addizzjonalità f’każ ta’ użu ta’ linja bażi standardizzata stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/3012, attivitajiet bħal dawn jitqiesu bħala addizzjonali.
- (5) Biex tiġi żgurata l-permanenza tal-ħżin tas-CO₂, l-attivitajiet tad-DACCS u tal-BioCCS jenħtieġ li jaħżnu s-CO₂ fis-siti tal-ħżin ġeoloġiku permessi skont id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ li tipprovdi l-qafas ta’

⁴ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj>).

⁵ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta’ Lulju 2024 dwar Għajnuna mill-Istat SA.107009 (2024/N) – l-Iżvezja, Irkant ta’ CCS bijoġeniku Żvediż, C(2024) 4582 final, il-punti 29 ff.

⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

⁷ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta’ Lulju 2024 dwar Għajnuna mill-Istat SA.107009 (2024/N) – l-Iżvezja, Irkant ta’ CCS bijoġeniku Żvediż, C(2024) 4582 final, il-punt 179.

⁸ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/31/oj>).

responsabbiltà għal kwalunkwe tnixxija tas-CO₂. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-attivitajiet tad-DACCS u tal-BioCCS jużaw infrastruttura tat-trasport kondiviża u li jibagħtu s-CO₂ lil diversi siti tal-ħżin li jaħżnu s-CO₂ minn sorsi multipli.

- (6) L-attivitajiet tal-BCR jipproduċu frazzjoni kwantifikabbli ta' faħam bijoloġiku stabbli li huwa mistenni li jaħżen il-karbonju għal mill-inqas diversi sekli u li għalhekk jista' jiġġenera unitajiet permanenti tal-assorbiment tal-karbonju. Jenħtieġ li l-produzzjoni u l-użu ta' faħam bijoloġiku jiġi mmonitorjat sal-punt li jiġi applikat fil-ħamrija jew inkorporat fi prodotti għall-użi permessi skont il-metodoloġija tal-BCR. F'każijiet fejn l-applikazzjoni tal-BCR fil-ħamrija ma tkunx ġiet issorveljata direttament, l-operaturi jenħtieġ li jagħtu aċċess għas-sit għal mill-inqas sena wara l-applikazzjoni, sabiex ikun jista' jiġi vverifikat użu effettiv tal-BCR f'konformità mal-kundizzjonijiet għall-ħżin permanenti tal-karbonju. Meta jitqies ir-riskju baxx ta' treġġiġħ lura tal-frazzjoni tal-faħam bijoloġiku li jkun ġie identifikat bħala stabbli, u l-użu tal-fattur ta' konservatiżmu fil-kwantifikazzjoni tal-frazzjoni permanenti tal-faħam bijoloġiku, jenħtieġ li ma jkun hemm ebda monitoraġġ ulterjuri lil hinn mill-punt li fih il-faħam bijoloġiku jkun ġie applikat fuq l-art jew inkorporat fi prodott.
- (7) Sabiex il-qbid tas-CO₂ ma jiġix diżinċentivat, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għall-bijomassa applikati fir-rigward tal-attivitajiet tal-BioCCS ma jmorrux lil hinn minn dawk applikabbli għall-bijomassa applikata f'installazzjonijiet tal-bijoenerġija li ma jaqbdux is-CO₂. Huwa xieraq li jitfakkar li f'każ ta' appoġġ pubbliku pprovdut mill-Istati Membri, l-operaturi jeħtieġ li jikkonformaw mal-prinċipju kaskata f'konformità mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2018/2001 u kif implimentat mill-Istati Membri.
- (8) Biex jiġu ppreservati l-ekosistemi, il-bijodiversità u l-bjar tal-karbonju naturali, jenħtieġ li l-attivitajiet tal-BioCCS u tal-BCR ma joħolqux domanda mhux sostenibbli għall-materja prima tal-bijomassa, jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mal-prinċipju ta' użu kaskata tal-bijomassa u jenħtieġ li jipprovdu rapportar trasparenti tat-tip ta' bijomassa kkonsmata mill-attività.
- (9) L-attivitajiet tal-BioCCS bl-għan primarju li jipproduċu s-sħana jew l-elettriku mill-kombustjoni tal-bijomassa, jenħtieġ li juru li l-kapaċità tal-konsum tal-bijomassa tal-faċilità ma żdiditx b'aktar mill-ammont neċessarju biex tiġi pprovduta l-enerġija għall-qbid tal-emissjonijiet bijoġeniċi tas-CO₂.
- (10) L-attivitajiet tal-BCR fejn il-faħam bijoloġiku huwa l-prodott primarju tal-attività, li jammonta għal 50 % jew aktar tal-outputs totali tal-enerġija tal-koprodotti, jistgħu jużaw biss materja prima li ġejja mill-iskart jew mir-residwu kif definit fl-Artikolu 2, il-punti (23) u (43), rispettivament, tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għall-produzzjoni tal-faħam bijoloġiku.
- (11) Meta ż-żieda fil-konsum tal-bijomassa meħtieġa biex jiġu pprovduti sħana jew elettriku fuq il-post użati għall-attivitajiet tad-DACCS jew tal-BioCCS, jew għall-produzzjoni tal-faħam bijoloġiku f'attivitajiet tal-BCR, tkun limitata għall-iskart u għall-bijomassa residwa jew tkun konsistenti mal-prinċipju tal-użu kaskata tal-bijomassa u ma tirriżultax fl-ispostament tal-użi tal-bijomassa eżistenti jew fi pressjoni akbar fuq l-art, żieda bħal din ma hijiex mistennija li tkun assoċjata ma' emissjonijiet sinifikanti minn bidliet indiretti fl-użu tal-art ("ILUC, Indirect Land Use Change"). Bħalissa s-sħana jew l-elettriku fuq il-post ma humiex forniti f'ammonti sinifikanti mill-konsum ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa bbażati fuq l-ikel u l-għelejjel tal-ġalf u huwa meqjus improbabbli li dan se jinbidel wara l-effett ta' inċentiv tar-Regolament (UE) 2024/3012. Għalhekk, l-ebda emissjoni assoċjata

mal-ILUC ma hija mistennija li taffettwa b'mod sinifikanti l-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju għall-attivitajiet tad-DACCS, tal-BioCCS u tal-BCR.

- (12) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u jiġu rikonoxxuti l-aħjar Prattiki fl-akkwist tal-materja prima tal-bijomassa, jenħtieġ li l-operaturi tal-attivitajiet tad-DACCS, tal-BioCCS u tal-BCR jirrapportaw dwar il-materja prima tal-bijomassa kkonsumata mill-attivitajiet tagħhom. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' kif l-attivitajiet tal-assorbiment permanenti tal-karbonju jistgħu jaffettwaw l-ekosistemi, id-disponibbiltà tal-materja prima għal setturi oħra, u r-riskju li l-materja prima tinkiseb lil hinn mid-disponibbiltà lokali fil-kuntest tar-rieżami tal-metodoloġiji taċ-ċertifikazzjoni u għall-finijiet tal-emendi potenzjali tagħhom.
- (13) Sabiex tiġi ppreservata s-saħħa tal-ħamrija, huwa importanti li jiġi mfakkar li l-faħam bijoloġiku prodott permezz tal-attivitajiet tal-BCR għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, mad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, u mar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² u d-Direttiva (UE) 2025/2360 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

- (1) "CO₂ atmosferiku" tfisser CO₂ imħallat sew fl-atmosfera libera f'temperatura tal-arja ambjentali, fejn il-konċentrazzjoni tas-CO₂ ma tkunx affettwata minn sorsi ta' punti lokali iżda tista' tvarja minħabba sorsi ta' emissjonijiet naturali u antropoġeniċi reġjonali;
- (2) "faħam bijoloġiku" tfisser materjal karbonjuż li jiġi prodott bi trattament termali tal-bijomassa jew karburanti mill-bijomassa;

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

¹⁰ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/98/oj>).

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1069/oj>).

¹² Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) PE/61/2019/REV/1 (ĠU L 169, 25.6.2019, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>).

¹³ Id-Direttiva (UE) 2025/2360 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Novembru 2025 dwar il-monitoraġġ u r-reżiljenza tal-ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-ħamrija) (ĠU L, 2025/2360, 26.11.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/2360/oj>).

- (3) “attività ta’ tneħħija tal-karbonju permezz tal-karbonju bijoloġiku” jew “attività tal-BCR” tfisser attività li tirriżulta fil-produzzjoni u fil-ħżin permanenti tal-faħam bijoloġiku bl-applikazzjoni tiegħu fil-ħamrija jew bl-inkorporazzjoni tiegħu fil-materjali;
- (4) “attività tal-qbid tal-emissjonijiet bijoġeniċi bil-ħżin tal-karbonju” jew “attività tal-BioCCS” tfisser attività li tirriżulta fi proċess tal-qbid tas-CO₂ bijoġeniku, segwit mit-trasport u mill-ħżin permanenti ta’ dak is-CO₂ bijoġeniku b’injezzjoni f’sit tal-ħżin ġeoloġiku li għalih jeżisti permess validu f’konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/31/KE;
- (5) “karbonju bijoġeniku CO₂” tfisser CO₂ prodott minn sors ta’ bijomassa, bijofjuwil, bijolikwidu jew karburant mill-bijomassa minn proċess kimiku jew bijoloġiku li jaġixxi fuq l-atomi tal-karbonju li jkun fih, inklużi l-kombustjoni, l-ossidazzjoni, id-degradazzjoni anaerobika u l-fermentazzjoni;
- (6) “attività tal-qbid u ħżin tal-karbonju dirett mill-arja jew “attività tad-DACCS” tfisser attività li tirriżulta fi proċess li jaqbad is-CO₂ atmosferiku mill-arja ambjentali, segwit mit-trasport u mill-ħżin permanenti ta’ dak is-CO₂ atmosferiku b’injezzjoni f’sit ta’ ħżin ġeoloġiku li għalih jeżisti permess validu f’konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/31/KE.

Artikolu 2

Metodoloġija ta’ ċertifikazzjoni għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju ġġenerati mill-attivitajiet tal-qbid u ħżin tal-karbonju dirett mill-arja

1. Attività tad-DACCS għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) il-kriterji ta’ eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 1.1.1 tal-Anness;
 - (b) il-perjodi ta’ attività u ta’ monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsimiet 1.2.1.1 u 1.2.1.2 tal-Anness;
 - (c) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar għall-assorbiment tal-karbonju u tas-sorsi tal-emissjonijiet tal-GHG stabbiliti fit-Taqsima 2.1.1 tal-Anness;
 - (d) ir-regoli għall-kalkolu tal-linja bażi stabbiliti fit-Taqsima 2.1.2 tal-Anness;
 - (e) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju, stabbiliti fit-Taqsima 2.1.3 tal-Anness;
 - (f) ir-regoli għall-kalkolu tal-gassijiet serra assoċjati, stabbiliti fit-Taqsima 2.1.4 tal-Anness;
 - (g) ir-regoli dwar il-ħżin fit-tul u r-responsabbiltà, stabbiliti fit-Taqsima 3.1 tal-Anness;
 - (h) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti minimi ta’ sostenibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 4.1 tal-Anness;
 - (i) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar stabbiliti fit-Taqsimiet 1.3.2 u 1.3.3 tal-Anness.
2. L-operatur ta’ attività tad-DACCS għandu jżgura li l-faċilità li taqbad is-CO₂ tkun tinsab fl-Unjoni.

Artikolu 3

Metodoloġija ta' ċertifikazzjoni għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju ġġenerati mill-attivitajiet tal-qbid tal-emissjonijiet bijoġeniċi bil-ħżin tal-karbonju

1. Attività tal-BioCCS għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 1.1.1 tal-Anness;
 - (b) il-perjodi ta' attività u ta' monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsima 1.2.1 tal-Anness;
 - (c) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar għall-assorbiment tal-karbonju u tas-sorsi tal-emissjonijiet tal-GHG stabbiliti fit-Taqsima 2.1.1 tal-Anness;
 - (d) ir-regoli għall-kalkolu tal-linja bażi stabbiliti fit-Taqsima 2.1.2 tal-Anness;
 - (e) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju stabbiliti fit-Taqsima 2.1.3 tal-Anness;
 - (f) ir-regoli għall-kalkolu tal-gassijiet serra assoċjati stabbiliti fit-Taqsima 2.1.4 tal-Anness;
 - (g) ir-regoli dwar il-ħżin fit-tul u r-responsabbiltà stabbiliti fit-Taqsima 3.1 tal-Anness;
 - (h) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 4.1 tal-Anness;
 - (i) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rapportar stabbiliti fit-Taqsimiet 1.3.2 u 1.3.3 tal-Anness.
2. Is-CO₂ bijoġeniku maqbud f'attività tal-BioCCS għandu jiġi ġġenerat bħala prodott sekondarju mill-proċessi ta' produzzjoni tal-oġġetti, tal-enerġija u tas-servizzi u ma għandux jiġġenera CO₂ bijoġeniku mill-bijomassa, bijofjuwil, bijolikwidu jew karburant mill-bijomassa biss għall-finijiet tal-qbid u tal-ħżin.
3. L-operatur ta' attività tal-BioCCS għandu jiżgura li l-faċilità li taqbad is-CO₂ tkun tinsab fl-Unjoni.

Artikolu 4

Metodoloġija ta' ċertifikazzjoni għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju ġġenerati mill-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju mill-faħam bijoloġiku

1. Attività tal-BCR għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 1.1.2 tal-Anness;
 - (b) il-perjodi ta' attività u ta' monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsima 1.2.2 tal-Anness;
 - (c) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar għall-assorbiment tal-karbonju u tas-sorsi tal-emissjonijiet tal-GHG stabbiliti fit-Taqsima 2.2.1 tal-Anness;
 - (d) ir-regoli għall-kalkolu tal-linja bażi stabbiliti fit-Taqsima 2.2.2 tal-Anness;
 - (e) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju stabbiliti fit-Taqsima 2.2.3 tal-Anness;
 - (f) ir-regoli għall-kalkolu tal-gassijiet serra assoċjati stabbiliti fit-Taqsima 2.2.4 tal-Anness;
 - (g) ir-regoli dwar il-ħżin fit-tul u r-responsabbiltà stabbiliti fit-Taqsima 3.2 tal-Anness;

- (h) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 4.1 tal-Anness;
 - (i) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rapportar stabbiliti fit-Taqsimiet 1.3.2 u 1.3.3 tal-Anness.
2. Attività tal-BCR għandha tiżgura li l-faċilità tal-produzzjoni tal-faħam bijoloġiku u tal-ħżin għall-faħam bijoloġiku jkunu jinsabu fl-Unjoni.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 3.2.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN